MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 772/2013

**WasteServ Malta Limited**
**C-30560**

**vs**

**Azzopardi Alexander**
**ID-433084(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet illi l-konvenut ghandu jhallas l-ammont ta’ tliet mija, tlieta u hamsin ewro, hamsa u hamsin centezmu (€353.55c) liema ammont jirraprezenta hlas dovut ghal servizz ta’ rimi u depozitu ta’ skart u materjal fil-facilitajiet immexxija mis-socjeta’ attrici.

Ra li mill-Atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta li nzammet quddiem it-Tribunal.

Ra l-verbal tas-seduta tal-24 ta' Jannar, 2014, li permezz tieghu l-Avukat difensur tas-socjeta' attrici ddikjara li s-sorte gie mhallas fl-intier tieghu mill-konvenut wara li giet ipprezentata din il-kawza u l-atti taghha gew notifikati lill-istess konvenut, u dan kif jirrizulta mir-rendikont li gie pprezentat u mmarkat bhala Dok.'X'.

Illi ghalhekk it-Tribunal gie mitlub sabiex jghaddi ghas-sentenza limitament fuq il-kap tal-ispejjez.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-Talba tas-socjeta' attrici, jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez ta' din il-kawza, liema spejjez ikunu a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------